



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

## **Diskors**

**13 ta' Ottubru 2022**

# **Diskors minn Tony Murphy, il-President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri**

**Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2021 tal-QEA  
Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit – il-Parlament Ewropew**

**13 ta' Ottubru 2022**

**Il-verżjoni mitkellma għandha tiegħu preċedenza.**

**Sinjura President,**

**Onorevoli Membri,**

**Kummissarju,**

**[Rappreżentant tal-Presidenza tal-Kunsill],**

Huwa unur għalija li nkun magħkom hawnhekk għall-ewwel darba bħala **I-President elett il-ġdid** tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA).

L-ewwel nett, nixtieq naqsam magħkom fil-qosor **kelmtejn dwari**. Jiena **awditur** b'aktar minn 40 sena esperjenza fl-awditjar tas-settur pubbliku, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew – fl-Istituzzjoni Suprema Irlandiża tal-Awditjar, il-Kummissjoni Ewropea u l-QEA. Ħdimt il-QEA għal kważi 10 snin f'diversi funzjonijiet u Awli, u sirt Membru tal-QEA fl-2018.

Il-**fokus tiegħi bħala President** se jkun li nkomplu b'xogħolna biex nagħtu appoġġ lil dan il-**Kumitat** bl-informazzjoni li se teħtieġu biex tissodisfaw ir-rwol tagħkom u biex ittejjbu l-**obbligu ta' rendikont u t-trasparenza** f'kull tip ta' azzjoni li tittieħed mill-UE, fl-interessi taċ-ċittadini tagħna.

Madankollu, illum qiegħed hawn quddiemkom ukoll fil-funzjoni preċedenti tiegħi bħala l-**Membru responsabbli mir-Rapport Annwali tagħna** għas-sena 2021.

F'dan ir-rwol, jien iltqajt u ħdimt ma' ħafna minnkom matul is-snin li għaddew, u għalhekk naf mill-esperjenza personali, il-**kooperazzjoni kostruttiva u mill-qrib** li teżisti bejn l-istituzzjonijiet rispettivi tagħna. Ninsab ħerqan ħafna li niltaqa' u li naħdem **magħkom ilkoll**, u li napprofondixxu l-kollaborazzjoni produttiva tagħna.

Ir-Rapport Annwali tagħna huwa l-**prodott ewlieni** tagħna u l-produzzjoni tiegħu tirrikjedi **sforz komuni**. Ir-Rapport Annwali li qed nippreżentalkom illum ma jkunx jeżisti mingħajr **ħidma f'tim u dedikazzjoni** intensivi u nieħu din l-opportunità biex niringrazzja lill-ħafna **awdituri u lill-persunal ta' appoġġ** involuti f'kull stadju tax-xogħol tal-awditjar, lill-**Membri** responsabbli mill-kapitoli individwali u lill-**Kulleġġ** sħiħ tagħna.

Ir-Rapport Annwali tagħna qed jiġi ppubblikat f'**kuntest differenti** ħafna minn dak tas-sena l-oħra. Filwaqt li lkoll ħdimna ħafna biex nipprovdur servizz effettiv minkejja l-problemi operazzjonali li għadhom għaddejnin, li rriżultaw mill-**kriżi tal-COVID-19**, issa qegħdin niffaċċjaw ukoll il-**gwerra ta' aggressjoni mir-Russja** fl-Ukrajna. Il-konsegwenzi dinjija tagħha u **kriżi tal-enerġija** li qed tiżvolġi joħolqu sfidi ġodda għalina lkoll.

Il-ġestjoni tal-finanzi tal-UE b'**mod tajjeb u effettiv** hija aktar importanti minn qatt qabel. Hija tirrikjedi **responsabbiltà akbar** kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri, iżda wkoll għalina fil-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

### **X'inhuma s-sejbiet prinċipali tal-eżerċizzju annwali tagħna għall-2021?**

Bħal fi snin preċedenti, dwar il-**kontijiet tal-UE**, aħna adottajna opinjoni favorevoli – ma kinux milquta minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

Dwar id-**dħul**, sibna li l-livell kumplessiv ta' żball **ma kienx materjali**. Sibna xi dgħufijiet persistenti, madankollu, f'kontrolli relatati mal-hekk imsejħa Riżorsi Propriji Tradizzjonali f'ċerti Stati Membri u f'ċerti proċessi relatati fil-Kummissjoni.

Din hija l-ewwel sena li fir-Rapport Annwali tagħna dwar is-sena finanzjarja 2021, apparti r-riżorsi baġitarji maqbula bħala parti mill-**QFP**, inkopru wkoll l-inizjattiva "Next Generation European Union" (**NGEU**) u speċjalment l-**RRF**.

Għall-ewwel darba, għalhekk aħna nipprovdu **żewġ opinjonijiet separati** dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq għall-2021: waħda dwar l-**infiq baġitarju tal-UE** u waħda dwar l-**infiq taħt l-RRF**.

Aħna nipprovdu **żewġ opinjonijiet separati** sabiex jiġu riflessi d-**differenzi** bejn l-infiq baġitarju taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u l-infiq taħt l-RRF. L-RRF huwa **strument temporanju, iffinanzjat permezz tal-ħruġ ta' bonds** iżda l-aktar importanti, isegwi **mudell ta' twassil differenti**. Għall-kuntrarju tal infiq baġitarju tal-UE, li huwa bbażat fuq ir-**rimborż tal-ispejjeż eliġibbli jew fuq il-konformità mal-kundizzjonijiet** definiti fir-regoli tal-UE jew ir-regoli nazzjonali, taħt l-RRF il-kundizzjoni għall-pagament hija li **jintlaħqu b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti jew il-miri predefiniti**.

L-ewwel nett, nixtieq naqleb għall-opinjoni u s-sejbiet tagħna dwar l-**infiq baġitarju tal-UE**:

Abbażi tal-kampjun rappreżentattiv tagħna ta' 740 tranżazzjoni, aħna sibna li l-livell kumplessiv ta' irregolaritajiet **żdied** mis-sena l-oħra, u laħaq 3.0 % fl-2021 (minn 2.7 % fl-2020 u fl-2019).

Minħabba n-natura mifruxa tal-problemi li sibna (jiġifieri l-firxa tal-iżball), tajna **opinjoni avversa**, għat-tielet sena konsekuttiva.

Għal darba oħra s-sejbiet tagħna jikkonfermaw il-valutazzjoni preċedenti mwettqa minna, li kienet sabet li l-**mod li bih jiġu żborżati l-fondi**, jiġifieri jekk jiġux żborżati bħala **rimborż tal-ispejjeż imġarrba** jew pjuttost abbażi ta' **dritt**, għandu impatt fuq il-livell ta' żball.

Għal **infiq b'riskju għoli**, li jikkostitwixxi **maġġoranza** ċara (63 %) tal-popolazzjoni li awditjajna, ir-rata ta' żball hija stmata f'livell ta' 4.7 %. Qed nitkellmu prinċipalment dwar il-Koeżjoni, iżda wkoll dwar intestaturi oħra ta' politika tal-UE, inklużi s-“Suq Uniku”, il-“Migrazzjoni”, is-“Sigurtà”, il-“Viċinat”, u partijiet oħra mir-“Riżorsi Naturali”.

Għal **infiq b'riskju baxx**, aħna kkonkludejna li l-livell ta' żball stmat kien **taħt** is-soll ta' **materjalità** ta' 2 %. Dan jinkludi infiq ibbażat fuq drittijiet bħall-għajjnuna diretta lill-bdiewa, għotjiet Erasmus lill-istudenti, u s-salarji u l-pensjonijiet tal-impjegati taċ-ċivil tal-UE.

Jekk għal mument **inħarsu aktar mill-qrib** lejn l-**intestaturi ta' politika differenti**, u nibdew bil-**Koeżjoni**, insibu għadd ta' żbalji tipiċi bħal spejjeż ineliġibbli, nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn essenzjali, ksur tar-regoli tas-suq uniku/dwar l-għajjnuna mill-Istat, u ksur tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku.

Aħna nistmaw li l-livell ta' żball taħt din l-intestatura huwa ta' **3.6 %** (3.5 % fl-2020).

Nixtieq, Sinjura President, nagħtik xi **eżempji konkreti ta' żbalji** li sibna, biex nuri aħjar dwar xiex qed nitkellem:

- programm li awditjajna kien jinvolvi spejjeż minn sħab li kienu jinsabu fiż-**żona ġeografika l-ħażina**. Din in-nefqa kienet ineliġibbli.
- f'każ ieħor, sibna li kwart tal-**parteċipanti f'programm soċjali** mfassal għal persuni barra mill-edukazzjoni, impjegat jew taħriġ, kienu fil-fatt **impjegati**.

Parti importanti mix-xogħol li nwettqu fil-Koeżjoni, u li jiena naf li huwa **qasam ta' interess partikolari** wkoll għal dan il-Kumitat, huwa x-xogħol tal-**awtoritajiet tal-awditjar nazzjonali**. Mill-2017 'il hawn, aħna vvalutajna x-xogħol ta' **dawn l-awtoritajiet tal-awditjar** permezz tal-ittejtjar sostantiv li wettaqna. L-awditi li wettaqna matul l-aħħar ħames snin juru li x-xogħol ta' dawn l-awtoritajiet tal-awditjar **għadu ma jpatix** b'mod suffiċjenti għar-**riskju għoli ta' żball** f'dan il-qasam u attwalment **jillimita d-dipendenza** li **tista' titqiegħed** fuq dak ix-xogħol.

**Sinjura President**, huwa importanti li nenfasizzaw ukoll l-**eżempji pożittivi** li nsibu. Hawnhekk, nixtieq niġbed l-attenzjoni għall-fatt li għal Stat Membru wieħed sibna li l-**awtorità tal-awditjar** nazzjonali pprovdiet appoġġ u pariri dwar kif l-awtorità maniġerjali setgħet ittejtjeb il-proċeduri ta' akkwist pubbliċi tagħha.

Issa ndur għar-**Riżorsi Naturali**: meħuda fl-intier tagħhom u wara li tqieset l-informazzjoni kollha disponibbli, aħna sibna li l-livell ta' żball huwa **qrib** is-soll ta' materjalità.

Għal dawk l-oqsma ta' nfiq identifikati bħala ta' **riskju għoli** (żvilupp rurali, miżuri tas-suq u oqsma oħra barra mill-PAK), jiġifieri terz ta' din l-intestatura tal-QFP, ir-riżultati

tagħna jindikaw li l-livell ta' żball huwa materjali, u s-sorsi prinċipali ta' żball huma: il-benefiċjarji ineliġibbli, l-iżbalji amministrattivi u n-nuqqas ta' ssodisfar ta' impenji ambjentali.

**Xi eżempji** ta' żbalji li nstabu f'dan il-qasam ta' nfiq:

- qbadna ftit każijiet ta' **azjendi agrikoli tal-pollam** li ppreżentaw aktar minn applikazzjoni waħda. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, f'koppja miżżewġa t-tnejn li huma talbu l-għajnuna massima, fejn iddikjaraw li jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala bdiewa separati, għalkemm l-annimali tagħhom kienu jokkupaw l-istess bini.
- waqt l-awditjar ta' azjenda agrikola bl-użu ta' immaġnijiet bis-satellita, stabbilejna li d-dikjarazzjoni tal-bidwi ma kinitx tirrifletti l-**attività agrikola reali** tiegħu. Għalhekk aktar min-nofs il-pagament inkwistjoni tqies bħala żball.

Għal dan il-qasam ta' politika, nixtieq nagħmel referenza għall-**kontribuzzjoni pożittiva** li jistgħu jkollhom il-**verifiki permezz tal-monitoraġġ**. Dawn il-verifiki huma bbażati fuq immaġnijiet bis-satellita li jistgħu jintużaw fil-livell nazzjonali biex tiġi vverifikata l-konformità ma' ċerti regoli tal-UE, pereżempju talbiet għall-għajnuna bbażati fuq l-erja. Għall-2021, aħna eżaminajna dan l-użu tas-satellita li sar mill-awtoritajiet Taljani u Spanjoli u rakkomandajna lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fl-użu tagħha, meta wieħed iqis li 13 % biss tal-qasam ta' skemi ta' għajnuna diretta huwa attwalment kopert minn dawn il-verifiki.

Għas-**Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali**, sibna żieda fil-livell ta' materjalità tal-iżball minn 3.9 % fl-2020 għal **4.4 % fl-2021**. L-infiq fuq ir-riċerka (prinċipalment Orizzont 2020) ikompli jipprovdi s-sorsi prinċipali ta' żbalji, b'mod partikolari spejjeż ineliġibbli bħall-ispejjeż tal-persunal.

**Xi eżempji** ta' dawn l-iżbalji:

- waqt l-awditjar ta' SME, ma sibna l-**ebda skeda bil-ħinijiet tax-xogħol** għal żewġ impjegati, filwaqt li oħrajn kienu ddikjaraw sigħat waqt li kienu bil-liv annwali. Kważi nofs is-sigħat li eżaminajna kienu ineliġibbli.
- fi proġett differenti, sibna li riċerkatur ma kienx fil-fatt jissodisfa l-**kwalifiki akkadeimiċi meħtieġa** biex jibbenefika minn **fellowship taħt Marie Curie**. Għalhekk l-ispejjeż kollha relatati kienu ineliġibbli.

Fil-qasam tal-Migrazzjoni, Fruntieri, Sigurtà u Difiża, sibna żbalji fi kważi terz tat-tranżazzjonijiet li eżaminajna.

- sibna li proġett minnhom li kien jikkonċerna s-Sigurtà interna ma wassalx għax-xiri tal-**vetturi intenzjonati off-road għall-pulizija** – u ma stajniex inkunu ċerti li l-vetturi li realment inxtraw intużaw għall-għanijiet intenzjonati.

- sibna żbalji fi **proċedura ta' akkwist għall-akkomodazzjoni ta' applikanti għall-ażil**, u diversi problemi bil-kuntratti sussegwenti li ġew konklużi ma' ċerti lukandi. Dawn l-iżbalji lanqas ma nqabdu mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-Kummissjoni.

F'dak li jikkonċerna l-intestatura **Viċinat u d-Dinja**, l-aktar żbalji komuni li nstabu kienu jikkonċernaw infiq mhux imġarrab, nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn essenzjali, spejjeż ineliġibbli u ksur tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Kważi nofs it-tranżazzjonijiet awditjati kien fihom żbalji. **Minkejja l-kampjun limitat tagħna, ir-riżultati tagħna jikkonfermaw li r-riskju ta' żball taħt din l-intestatura huwa għoli.** Inżid ngħid li, minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni biex tagħtina assistenza, għadu jkollna diffikultajiet biex niksbu ċerta **dokumentazzjoni minn xi organizzazzjonijiet internazzjonali** li huma responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE.

Fl-aħħar nett, ngħaddi għall-intestatura **Amministrazzjoni**. Bħal fi snin preċedenti, stmajna li l-livell ta' żball mhux materjali. **Tnejn mill-ħames żbalji** li kkwantifikajna jikkonċernaw il-Parlament, wieħed il-Kummissjoni u tnejn is-SEAE.

Sinjuri, issa ngħaddi għall-awditjar li wettaqna fuq in-**nefqa taħt il-Fond għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)**:

Din hija **novità** fir-Rapport Annwali tagħna din is-sena, u xi ħaġa li se nkomplu nirrapurtaw dwarha b'mod separat matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-RRF.

L-RRF tipprevedi **mudell ta' twassil li huwa differenti** minn dak użat għall-infiq baġitarju tal-UE taħt il-QFP, u jiffoka fuq l-ilħuq ta' **stadji importanti u miri**, minflok ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba.

Fl-awditu tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni li wettaqna, aħna għalhekk niffukaw fuq jekk il-**Kummissjoni** ġabritx evidenza suffiċjenti u xierqa biex tappoġġa l-**valutazzjoni** tagħha li l-istadji importanti ntlaħqu b'mod suffiċjenti. Il-konformità mar-**regoli nazzjonali u r-regoli tal-UE oħra** ma tiffurmax parti mill-**valutazzjoni tal-Kummissjoni** dwar il-legalità u regolarità tal-pagamenti taħt l-RRF u għalhekk mhijiex koperta fl-opinjoni tagħna. Dan l-aspett se jiġi meqjus b'mod separat permezz ta' awditi futuri meta jiġi kkompletat ix-xogħol tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward u jkun jista' jiġi vvalutat minna. Barra minn hekk, ma nivvalutawx l-**effettività tar-riformi differenti** li jinsabu fl-istadji importanti; dan ikun pjuttost suġġett għal rapporti speċjali ddedikati fil-futur fejn tista' tiġi vvalutata l-effettività tagħhom.

Il-**popolazzjoni li awditjajna għall-RRF** kienet tinkludi l-pagament uniku ta' EUR 11.5-il biljun li sar lil Spanja fl-2021, wara l-ilħuq irrappurtat ta' 52 **stadju importanti**, li lkoll kemm huma kienu relatati mar-riformi.

Aħna sibna li **wieħed mill-istadji importanti** (relatat ma' **riforma dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv**, u b' mod partikolari l-introduzzjoni ta' miżuri "biex tiġi żgurata rata minima ta' 15 % mill-kontribwenti) ma ntlaħaqx b' mod sodisfaċenti. Il-fehma tagħna hija li l-impatt **ma kienx materjali**. Barra minn hekk, aħna nosservaw li l-Kummissjoni għadha ma ddefinietx **metodu għall-kwantifikazzjoni tal-impatt tan-nuqqas ta' l-huq ta' stadju importanti jew ta' mira**, jiġifieri x'ammont jenħtieġ li jiġi sospiż b' riziultat ta' dan.

Għamilna aktar **rakkomandazzjonijiet** lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni li wettqet tal-istadji importanti, b' mod partikolari relatati mad-dokumentazzjoni ta' xogħolha u mal-kriterji użati biex jiġu vvalutati l-istadji importanti.

Sinjuri,

Sa issa konna qed inħarsu lejn l-aspett ta' **konformità** fl-infiq tal-UE. Iżda qasam ieħor li nħarsu lejha huwa l-**użu** li jsir mill-fondi disponibbli, u li b' mod regolari kien **qasam ta' tħassib**. Dan ma nbidilx fl-2021.

L-**impenji pendenti** fi tmiem l-2021 ammontaw għal EUR 341.6 biljun meta mqabbla ma' EUR 303.2 biljun is-sena l-oħra. Madankollu, dan l-ammont jinkludi għall-ewwel darba impenji pendenti ta' kważi EUR 90 biljun li saru għall-RRF. Mingħajr dan l-ammont, l-impenji pendenti naqsu meta mqabbla mas-sena l-oħra, prinċipalment minħabba dewmien fl-implimentazzjoni ta' fondi taħt ġestjoni kondiviża taħt il-QFP 2021-2027.

Nipprovdu wkoll informazzjoni fir-rapport tagħna dwar l-esponiment tal-baġit tal-UE għal **obbligazzjonijiet** potenzjali fil-futur. Dan l-esponiment irdoppja u aktar fl-2021, għal EUR 277.9 biljun. Dan kien dovut prinċipalment għall-EUR 91 biljun li nħarġu f' bonds għall-finanzjament tal-pakkett NGEU u żieda ta' EUR 50.2 biljun f' assistenza finanzjarja pprovduta lill-Istati Membri sabiex iħarsu l-impjegi u l-ħaddiema milquta mill-pandemija (SURE).

Minn **perspettiva orizzontali**, aħna nirrappurtaw dwar problemi li jikkonċernaw ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE (l-AMPR) tal-Kummissjoni, li intom se tiddiskutu aktar tard illum. Din is-sena osservajna li l-limitazzjonijiet tal-kontrolli *ex post* f' diversi oqsma ta' politika jaffettwaw ir-robustezza tal-**valutazzjoni tar-riskju tal-Kummissjoni** u l-klassifikazzjoni tagħha ta' dak li huwa **infiq b' riskju għoli jew infiq b' riskju baxx**. Nirrappurtaw ukoll dwar il-preżentazzjoni ta' **korrezzjonijiet finanzjarji** għal pagamenti irregolari (EUR 5.6 biljun) u nqisu li l-preżentazzjoni tagħhom hija suxsettibli għal fehim skorrett. Fl-aħħar nett, b' rabta man-notifika li baġtet il-Kummissjoni lill-Ungerija taħt ir-**Regolament dwar il-Kundizzjonalità**, nosservaw li l-AMPR ma jiddivulgax dettalji ta' dik n-notifika jew kif hija tista' taffettwa r-regolarità tal-infiq ikkonċernat. Fil-frattemp, lill-Kunsill, il-Kummissjoni pproponietlu miżuri li jipproteġu l-baġit u kkondividiet

informazzjoni addizzjonali, li inti konxju minnha, fejn irreferiet għal għadd ta' kwistjonijiet, li jinkludu s-sistema ta' akkwist pubbliku kif ukoll il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' kunflitti ta' interess.

Fl-aħħar nett, lill-OLAF irrappurtajnielu 15-il każ suspettat li konna identifikajna matul ix-xogħol tal-awditjar tagħna fl-2021 (2020: 6 każijiet), li minnhom l-OLAF sa issa fetaħ 5 investigazzjonijiet. Għandna arranġamenti tax-xogħol fis-seħħ kemm mal-UPPE kif ukoll mal-OLAF, u minn din is-sena, qed ngħaddu każijiet ta' frodi suspettata lit-tnejn li huma simultanament, fejn possibbli. Lil hinn mill-każijiet individwali fejn ikollna suspett, il-Qorti tindirizza dan is-suġġett importanti permezz ta' Rapport Speċjali ddedikati, pereżempju fejn ħarisna lejn riskji ta' frodi li jaffettwaw il-Politika Agrikola Komuni (14/2022), il-blacklisting tal-operaturi (11/2022), u kunflitti ta' interess fil-ġestjoni kondiviża (ġej dalwaqt, l-ewwel trimestru tal-2023)).

Sinjura President, onorevoli Membri,

Ir-Rapport Annwali tagħna fih **aktar informazzjoni u sejbiet dettaljati** li nixtieq niġbed l-attenzjoni għalihom ukoll iżda sfortunatament il-ħin tiegħi huwa limitat. Għalhekk, nixtieq nikkonkludi hawnhekk billi nirreferikom għat-test tar-**Rapport Annwali** tagħna jew għall-**Awditu tal-UE fil-Qosor**, li lkoll kemm intom irċevejtu.

Nixtieq nagħlaq billi niddikjara li s-sejbiet tagħna għall-2021 juru li rridu **nibqgħu vigilianti** u **neħtieġu verifiki effettivi f'kull livell** dwar kif jintefqu l-flus u jekk ir-riżultati intenzjonati jintlaħqux.

Ngħixu f'dinja li qed tinbidel **b'pass mingħajr preċedent**, u dan iġib miegħu sfidi għall-UE. L-infiq fl-UE huwa mistenni li jirdoppja fis-snin li ġejjin, u għalhekk, kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri għandhom **responsabbiltà tremenda** biex jimmaniġġjaw il-finanzi tal-UE b'mod tajjeb u effiċjenti.

Fl-aħħar nett, nixtieq nieħu din l-opportunità biex **nirringrazzja lill-Kummissarju** għall-kooperazzjoni tal-Istituzzjoni tiegħu matul is-sena li għaddiet. Kultant jista' jkun li ma naqblux fuq punti speċifiċi, iżda flimkien it-tnejn li aħna nistinkaw fi ħdan ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħna biex niżguraw li jsir użu tajjeb mill-baġit tal-UE.

Grazzi tal-**attenzjoni** tagħkom u ninsab ħerqan biex inwieġeb għall-**mistoqsijiet** tagħkom.